A.L. 389 ta' l-2007

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni ta' l-2007 dwar il-Komunitajiet Ewropej (Infurzar ta' Sentenzi tal-Komunità)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija taħt l-artiklu 4(2) ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2007 dwar il-Komunitajiet Ewropej (Infurzar ta' Sentenzi tal-Komunità). Titolu.

2. F'dan l-Ordni kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"Avukat Ġenerali" tinkludi kull persuna oħra li jkollha awtorità espressa jew impliċita sabiex taġixxi flok l-Avukat Ġenerali;

"il-Kodiċi" tfisser il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; Kap. 12.

"ordni ta' infurzar" tfisser ordni magħmula mill-Avukat Ġenerali taħt l-artiklu 3(2);

"ordni ta' spezzjoni maħruġ mill-Euratom" tfisser ordni magħmula mill-President tal-Qorti Ewropea, jew deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, taħt l-Artiklu 81 tat-Trattat Euratom;

"Qorti Ewropea" tfisser Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej;

"sentenza ta' flus" tfisser sentenza li timponi obbligu ta' flus;

"sentenza tal-Komunità" tfisser kull deċiżjoni, sentenza jew ordni li jistgħu jiġu infurzati taħt jew skond:

- l-Artiklu 244 jew 256 tat-Trattat KE;

- l-Artiklu 18, 159 jew 164 tat-Trattat Euratom;

- l-Artiklu 82 tar-Regolament (KE) Nru.40/94 ta' l-20 ta' Diċembru, 1993 dwar it-*trade mark* Komunitarja; jew

- l-Artiklu 71 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 6/2002 tat-12 ta' Diċembru, 2001 fuq disinni Komunitarji;

"Trattat Euratom" tfisser it-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, magħmul f'Ruma fil-25 ta' Marzu elf disa' mija sebgħa w ħamsin (1957) u kif sussegwentement emendat;

"Trattat KE" tfisser it-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea magħmul f'Ruma fil-25 ta' Marzu elf disa' mija ħamsa w sebgħin (1957) u kif sussegwentment emendat.

Awtorità kompetenti.

3. (1) L-Avukat Ġenerali jkun l-awtorità kompetenti responsabbli għall-verifika ta' l-awtentiċità ta' sentenza tal-Komunità u għall-ħruġ ta' l-ordni għall-infurzar tagħha.

(2) L-Avukat Ġenerali għandu jivverifika l-awtentiċità ta' sentenza tal-Komunità u wara li jagħmel dik il-verifika huwa għandu jagħmel ordni għall-infurzar tagħha u għandu jannetti l-ordni mas-sentenza tal-Komunità.

Rikorsi għar-Reġistrazzjoni ta' sentenzi tal-Komunità.

4. (1) Kull min ikollu jedd jinforza sentenza tal-Komunità jista' permezz ta' rikors jitlob lill-Qorti ta' l-Appell tawtorizza r-reġistrazzjoni tas-sentenza tal-Komunità.

(2) Ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fir-reġistru tal-Qorti ta' l-Appell u għandu jkollu annessa miegħu s-sentenza tal-Komunità flimkien ma' l-ordni ta' infurzar annessa miegħu jew inkella kopji tagħhom.

(3) Meta r-rikors isir għar-reġistrazzjoni ta' sentenza ta' flus, ir-rikors għandu jkollu miegħu dikjarazzjoni maħlufa bil-ġurament li ssir mir-rikorrent fejn huwa jiddikjara:

(a) l-isem tal-kreditur skond is-sentenza u l-indirizz jew il-post tan-negozju tiegħu fejn ikun jista' jiġi notifikat f'Malta;

(b) isem id-debitur skond is-sentenza u l-indirizz jew il-post tan-negozju tiegħu fejn ikun jista' jiġi notifikat f'Malta;

(ċ) kemm għadu ma tħallasx mill-obbligu ta' flus; u

(d) li l-Qorti Ewropea ma waqfitx l-eżekuzzjoni tas-sentenza.

(4) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-persuna li kontriha tkun ingħatat is-sentenza tal-Komunità li għandha tiġi reġistrata.

(5) Min jiġi notifikat bir-rikors kif hawn qabel imsemmi jista' jippreżenta risposta fi żmien tnax-il ġurnata tax-xogħol mid-data tan-notifika fejn jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex il-Qorti m'għandhiex tilqa' r-rikors jew għandha tilqa' biss ir-rikors f'parti minnu.

Meta tintalab id-deċiżjoni tal-Qorti għar-reġistrazzjoni.

5. (1) Fil-każ ta' sentenza tal-Komunità, li ma tkunx sentenza ta' flus, il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għar-reġistrazzjoni tas-sentenza meta r-rispondent iġib prova għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li:

(a) jkun hemm nuqqas ta' osservanza irrimedjabbli tal-formalitajiet jew tal-ħtiġiet proċedurali stipulati bl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni; jew

(b) ir-rispondent iġib prova għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-Qorti Ewropea tkun waqqfet l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Komunità

(2) Fil-każ ta' sentenza ta' flus il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għar-reġistrazzjoni tas-sentenza:

(a) fl-istess irkostanzi bħal dawk imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1); u

(b) meta ir-rispondent iġib prova li l-obbligu ta' flus ikun ġie sodisfatt:

Iżda meta r-rispondent iġib prova li l-obbligu ta' flus ikun ġie biss sodisfatt f'parti minnu , il-Qorti għandha tilqa' t-talba dwar dik il-parti ta' l-obbligazzjoni li tkun għadha ma ġietx sodisfatta.

(3) Meta jsiru proċedimenti taħt dan l-artiklu il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-merti tas-sentenza tal-Komunità li tkun qegħda tintalab ir-reġistrazzjoni tagħha.

(4) Il-Qorti ta' l-Appell għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq ir-rikors bil-magħluq kemm-il darba l-qorti ma tkunx tikkunsidra li għandha ssir seduta.

Reġistrazzjoni ta' sentenza tal-Komunità.

6. (1) Wara deċiżjoni tal-Qorti taħt l-artiklu 5 li tkun tilqa' r-reġistrazzjoni ta' sentenza tal-Komunità skond m'hemm provdut f'dak l-artiklu, is-sentenza tal-Komunità li d-deċiżjoni tkun tirreferi għaliha tista' tiġi reġistrata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artiklu u meta dan isir dik is-sentenza tal-Komunità tikkostitwixxi titolu eżekuttiv sa dak il-limitu li jiġi stabbilit fid-deċiżjoni tal-Qorti.

(2) Ir-rikorrent li jkun qiegħed jitlob ir-reġistrazzjoni ta' sentenza tal-Komunità li tkun tikkwalifika biex tiġi reġistrata bħala titolu eżekuttiv għandu jippreżenta lir-Reġistratur tal-Qorti kopja legali tad-deċiżjoni tal-Qorti taħt l-artikolu 5 flimkien ma' kopja legali tas-sentenza tal-Komunità u ordni ta' infurzar li dik id-deċiżjoni tkun tirreferi għaliha.

(3) Wara li jirċievi d-dokumenti msemmija fis-subartikolu (2) ir-Reġistratur jgħaddi biex jirreġistra d-dokumenti ippreżentati f'reġistru li għandu jissejjaħ ir-Reġistru ta' Sentenzi tal-Komunità, li għandu jinżamm għand ir-Reġistratur għall-finijiet ta' l-artiklu 5.

(4) Wara li ssir ir-reġistrazzjoni kif hawn qabel imsemmi, sentenza tal-Komunità tkun tista' tiġi infurzata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Ordni bħallikieku din kienet sentenza mogħtija mill-istess qorti u li tkun għaddiet f'ġudikat:

Iżda, sabiex jiġi evitat kull dubju, qiegħed b'dan jiġi dikjarat li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 812 tal-Kodiċi m'għandhomx japplikaw għal sentenza tal-Komunità.

Infurzar ta' sentenza tal-Komunità.

7. (1) Bla ħsara għal dawn id-disposizzjonijiet ta' dan l-artiklu, sentenza tal-Komunità li tiġi reġistrata skond kif provdut fl-artiklu 6 għandha tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tat-Tieni Ktieb Taqsima I Titolu VII tal-Kodiċi u d-disposizzjonijiet ta' dak it-titolu għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

(2) Is-sentenza tal-Komunità li tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv kif hawn qabel imsemmi tista' tiġi infurzata wara jumejn mill-ġurnata meta din tiġi reġistrata skond m'hemm provdut fis-subartiklu (1).

(3) Għall-fini ta' l-artiklu 283A tal-Kodiċi, il-Qorti ta' l-Appell titqies li tkun il-qorti li tkun qegħda toħroġ l-att eżekuttiv u d-disposizzjonijiet tas-subartikli (5) u (6) ta' l-istess artiklu m'għandhomx japplikaw għal proċediment taħt l-istess artiklu dwar att eżekuttiv li jiġi maħruġ bil-għan li jinforza sentenza tal-Komunità.

Infurzar ta' Ordni ta' spezzjoni maħruġa mill-Euratom.

8. (1) Min ikollu jedd jinforza Ordni ta' spezzjoni maħruġa mill-Euratom jista' jitlob permezz ta' rikors lill-Qorti ta' l-Appell tawtorizza r-reġistrazzjoni ta' l-Ordni ta' spezzjoni maħruġa mill-Euratom.

(2) Ir-rikors għandu jiġi ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti ta' l-Appell u fih għandu jiġi dikjarat l-indirizz jew post tan-negozju tar-rikorrent fejn huwa jista' jiġi notifikat f'Malta kif ukoll l-isem u l-indirizz jew il-post tan-negozju fejn isiru notifiki f'Malta tal-persuna li l-ordni tkun saret kontriha u flimkien miegħu għandu jkun hemm Ordni ta' spezzjoni maħruġa mill-Euratom jew kopja ta' dik l-Ordni.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikli 4(4)(5), 5(1)(3)(4) u 6 għandhom japplikaw għal Ordni ta' spezzjoni maħruġ mill-Euratom u kull riferenza fihom għal sentenza tal-Komunità għandha tiftiehem bħala riferenza għal Ordni ta' spezzjoni maħruġa mill-Euratom.

(4) Fid-deċiżjoni tagħha fejn tilqa' r-reġistrazzjoni ta' Ordni ta' spezzjoni maħruġa mill-Euratom jew f'kull żmien li jiġi wara, il-Qorti ta' l-Appell tista' tagħmel kull ordni kif ikun jidhrilha xieraq kontra kull persuna bil-għan li jiġi żgurat li jingħata effett lill-Ordni ta' spezzjoni maħruġa mill-Euratom.